**Minuti tat-tmintax (18)-il laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar l-Erbgħa 15 ta' Mejju, 2013 fil-5:00 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Maria Natoli tinsab imsiefra.

---

1. **Talba.** Il-laqgħa bdiet bit-talba.

2. **Ikla Tradizzjonali ta' l-Imnarja.** Kien preżenti Romeo Pace li huwa inkarigat min-naha tal-parocca, mill-Ikla Tradizzjonali ta' l-Imnarja. Il-Kunsilliera qablu li l-ordni tal-aġenda tinbiddel sabiex Romeo Pace ma jdumx jistenna. Kien hemm korrispondenza mingħand il-parroċċa dwar l-Ikla Tradizzjonali ta' l-Imnarja li din is-sena ser issir nhar it-Tlieta 25 ta' Gunju . Huma talbu li din l-attivita bħas-snin ta' qabel issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur. Il-kunsillera qablu dwar dan u għalhekk il-Kunsill ser jieħu ħsieb l-"entertainment" li jinkludi s-sistema tal-PA u d-dawl. Ġie mfassal il-programm ta' dan il-lejl. Il-preżentatur ser ikun Charles Saliba u ser jintwera il-produzzjoni li qed issir minn Anton Said. Dan il-filmat huwa ta' madwar 20 minuta u ser tintwera għall-ewwel darba fil-ftuh tal-wirja artistika li ser issir fis-sala tal-Kunsill.

3. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru sbatax (17) tas-seba' Kunsill ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

4. **Stqarrija**. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat risposta bil-miktub dwar l-istqarrija li saret mill-Kunsilliera Josianne Cutajar u Maria Natoli fil-konfront tagħha.

5. **Sqaqien.** Josianne Cutajar ġibdet l-attenzjoni dwar nuqqas ta' dawl fi sqaq fi Triq San Gwann. Ġie identifikat is-sqaq u s-Sindku qal li diġa teżisti bozza f'dan is-sqaq. Għandu ssir żbir tas-siġra li qeda tagħti din il-bozza. Is-Sindku qal li hemm bżonn li jigi irranġat s-sqaq fi Triq Ta' Said li huwa tal-konkos u dan huwa kollu miksur. Dan għandu jsir bil-madun li jintuża għall-bankini.

6. **Korsijiet fis-Sajf.** Il-Kunsill ħareġ l-applikazzjonijiet għal diversi korsijiet fis-sajf. Josianne Cutajar issuġġeriet li jsir kors dwar id-daqq tal-qniepen tal-knisja. Il-Kunsilliera qablu li dan għandu jkun offrut f'Novembru fl-okkażżjoni ta' Jum il-Kunsill lit-tfal ta' l-Iskola Primarja.

7. **Ilmenti tal-Kunsill.** Inġibdet l-attenzjoni li l-ilmenti tal-Kunsill qed dumu ma titiehed azzjoni fuqhom mill-Ministeru għal Għawdex. Josianne Cutajar rrimarkat li l-Kunsill kien ġie avżat biex jibgħat l-ilmenti tiegħu lil Philip Vella. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu direttiva mid-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex juża s-sistema tal-Customer Care. Is-Segretarju Ezekuttiv kif ukoll l-iskrivana tal-Kunsill ingħataw taħrig fuq din is-sistema. Liema sistema swiet ħafna flus lill-Gvern Centrali. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill ġie informat li s-Sur Philip Vella huwa liason officer bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-Kunsilli iżda l-Kunsill jieħu l-istruzzjonijiet tiegħu mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

8. **Karnival 2014.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-banda barranija li hija mħajra sabiex tieħu sehem fil-Karnival tan-Nadur hija komposta minn 40 persuna. Hu qal ukoll li hemm minn qed jgħid li l-Karnival 2014 f'Malta ser issir f'Mejju iżda dan mhux ikkonfermat. Is-Segretarja għandha tibgħat ittra lil Kumitat tal-Karnival Nazzjonali ta' Malta dwar dan.

9. **Korrispondenza.**

(4541) Ittra mill-Perit Emanuel Vella dwar mwejjed u siggijiet fi Pjazza San Pietru u San Pawl
(4542) Stqarrija mill-Onor Jose' Herrera dwar Parking Schemes
(4543) Email mingħand Joe Bajada dwar tellieqa tac-Championship Malti taċ-ċikliżmu fi Triq tax-Xħajma
(4544) Stedina lis-Sindku mis-Sindku ta' Bucine għall-attivita "Bucine Comune in Fiore"
(4545) Ittra minn Jason Buttigieg sid tal-ħanut J&J Pet & Plant Shop dwar kaxxa tal-loading/unloading quddiem il-ħanut
(4546) Kopja ta' ittra dwar żjarat fl-irziezet u wirjiet ta' annimali fl-irħula
(4547) Email mingħand FAME Music Events dwar attivita' nhar il-Ħadd 9 ta' Gunju 2013
(4548) Email mingħand Anthony Camilleri dwar tieġ fid-9 ta' Awwissu 2014 fil-bajja ta' Dahlet Qorrot
(4549) Email mingħand Joyce Farrugia (Asst. Direttur – EU Affairs) dwar Public Consultation Meeting
(4550) Email mingħand Galea Curmi Eng. Consultants dwar Photovoltaic Street Lighting
(4551) Ittra mingħand Stella Sciberras dwar garaxx fi Triq Xandriku
(4552) Email mingħand l-Arċipriet Jimmy Xerri dwar il-Muzew Marittimu
(4553) Email mingħand is-Segretarju Ezekuttiv (Gozo Region) dwar Eco Wardens
(4554) Email mis-Sindku ta-Qala, Clint Camilleri dwar it-Triq ta' Grunju
(4555) Email minn David Wilson dwar għajnuna volontarju
(4556) Ittra mill-Authorized Officer David Soler (Gozo Joint Committee) dwar kontravenzjonijiet
(4557) Ittra mill-Arċipriet Jimmy Xerri dwar l-Ikla Tradizzjonali
(4558) Tabella tal-allokazzjoni finanzjarja Jannar-Diċembru
(4559) Ittra minn Edward Attard dwar ktieb fl-okkazzjoni tal-50 anniversarju tal-qtil tal-President John F. Kennedy
(4560) Email mingħand Eman Vella dwar Village Meeting Info Nitrates Project)
(4561) Email mingħand Christopher Galea (DLG) dwar artiklu l-Orizzont 26/04/13
(4562) Ittra mill-uffiċċju tal-Kummissarju għat-tfal dwar "Rights 4 U courses"

(4563) Email mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Laqgħa għas-Sindki
(4564) Email mingħand Fr. Joseph Curmi dwar attivita għaż-żgħażagħ
(4565) Ittra mis-Soċjeta Filarmonika Mnarja dwar l-attivita' ta' nhar il-Ħadd 12 ta' Mejju
(4566) Ittra mis-Soċjeta Filarmonika Mnarja dwar pubblikazzjoni tar-rivesta "L-Imnarja"
(4567) Ittra mit-Transport Malta dwar reserved parking
(4568) Ittri minn diversi għaqdiet li jixtiequ jieħdu sehem fil-Wine Festival.
(4569) Email mingħand Rebecca Cachia Fearne dwar Health Educational Talks
(4570) Proposta mill-Għaqda Armar Triq Dicembru 13 dwar ix-Xalata tal-Festa
(4571) Ittra (risposta) mis-Segretarju Ezekuttiv lill-Kunsill dwar l-istqarrija mill-Kunsillier Josianne Cutajar u Maria Natoli
(4572) Email mis-Segretarju tan-Nadur Youngsters dwar attivita nhar il-Gimgħa 17 ta' Mejju fil-Wied ta' Grejgal
(4573) Ittra mill-GAG dwar applikazzjoni taħt 413.4 – Landscaping
(4574) Acknowledgement mit-TM dwar loading/unloading bay

10. **Attivita ta' l-Għada tal-Festa**. (Kien preżenti Andrew Muscat f'isem Għaqda Armar Triq Diċembru 13). Intefgħu żewġ proposti għall-attivita ta' l-għada tal-festa. Dawn kienu ta' l-Għaqda Armar Triq Dicembru 13 u oħra f'isem il-Kumitat tan-Nadur Youngsters F.C. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri li huwa l-President tan-Nadur ġie avżat li ma jistax jieħu sehem fid-diskussjoni. Il-proposta tan-Nadur Youngsers F.C. kienet li jkun hemm żewġ attivitajiet fl-istess ħin – waħda f'Daħlet Qorrot u l-oħra fi Ġnien il-Kunsill. L-attivita f'Dahlet Qorrot tkun bi ħlas u tikonsisti minn beach party. L-għaqdiet tan-Nadur ġew mistiedna minn Nadur Youngsters biex jieħdu sehem billi jieħdu stands . Fi Gnien il-Kunsill ikun hemm tombla, children's area u entertainment lokali. Din il-proposta ġiet iffirmata mis-segretarju tan-Nadur Youngsters F.C., Aaron Camilleri - sid il-ħanut Anthony's Bar & Restaurant u Leonard Tabone sid il-bar tal-kazin tal-football. Flimkien ma dawn il-proposta tgħid li ser jiehu sehem wkoll is-sid ta' "Just Deserts". Il-proposta ta' Għaqda Armar Triq Diċembru 13 tikonsisti minn BBQ, Bar , talent lokali li jinkludi lill-Band Spectrum, area għat-tfal bis-sehem ta' Buzzy Kids u area oħra ta' tombla. Josianne Cutajar talbet biex Eucharist Camilleri u Andrew Muscat jitħallew jitkellmu. Wara diskussjoni is-Sindku ssuġġerixxa li din l-attivita tingħata lil Għaqda Armar Triq Dicembru 13 għaliex hija "policy" tal-Kunsill li ma jiġux organizzati iżjed minn attivita waħda fil-lokal fl-istess ħin; l-attivita kienet miftuha għall-għaqdiet tan-Nadur u mhux għall-entitajiet privati; u fil-każ tan-Nadur Youngsters Football Club jidher li waħda mill-attivitajiet kienet ser tkun organizzata tajjeb, filwaqt li l-oħra (dik ta' Gnien il-Kunsill) ser tkun bgħatuta. Il-Kunsill offra li l-attivita ta' Daħlet Qorrot issir f'dawn id-dati: 13 ta' Lulju 2013, 20 ta' Lulju 2013 jew fis-27 ta' Lulju 2013. Il-Kunsill qabel li din l-attivita tingħata lil Għaqda Amar Triq Diċembru 13.

11. **Ikla Tradizzjonali ta' l-Imnarja**. Il-Kunsill irċieva email mingħand Emily Saliba dwar parteċipazzjoni mit-"Turning Point Dance Theatre and Gymnastics Gozo" fl-Ikla Tradizzjonali. Il-Kunsill għandu jitlob stima għall-żewġ items waqt l-Ikla. Għandha ssir laqgħa tas-sotto kumitat organizzativ nhar il-Ħamis 30 ta' Mejju 2013 fis-7:30 ta' filgħaxija.

12. **Ilmenti.** Il-Kunsill irċieva lment dwar ħmieg f' għalqa fi Sqaq fi Triq tal-Ħanaq. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb jerġa jwaħħal tabelli biex ma jintremiex skart. Iżda mhux ser jagħmel rapporti dwar bini ta' ħitan għaliex tidher li hemm xi kwistjonijiet personali bejn il-ġirien. Il-Kunsill irċieva ukoll ilment biex jitneħħa l-bank, Cat Cafe u barmil ta' skart fi Triq San Gakbu. Dawn huma kollha mwaħlin fit-triq u mhux f'bankina jew propjeta privata. Inġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li jkun hemm barmil ta' l-iskart f'din l-inħawi. Għalhekk dawn mhux ser jitneħew.

13. **Sistemma tad-Drenaġġ.** Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident ta' Triq l-Emigranti sabiex il-Kunsill jagħmel talba uffiċċjali lill-Gvern Centrali biex issir is-servizz tad-drenaġġ fi Triq l-Emigranti. Issa qed jinbnew diversi djar ġodda u għalħekk għandha ssir talba mill-ġdid. Il-Kunsill għandu jfakkar il-Gvern Ċentrali wkoll dwar in-nuqqas ta' servizz tad-drenaġġ fi Triq il-Qortin.

14. **Pjazza San Pietru u San Pawl.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Perit Emanuel Vella dwar *no objection* biex jinħarġu siġġijiet u mwejjed barra quddiem il-ħanut ta' Andrew Muscat. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan.

15. **Championship Malti taċ-Ċikliżmu.** Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li ssir iċ-Championship Malti taċ-Cikliżmu nhar il-Gimgħa 7 ta' Gunju (Festa pubblika) fi Triq ta' Xħajma. Għal dan il-għan it-triq ser tkun magħluqa għat-traffiku bejn id-9:00 ta' filgħodu u nofsinhar. Il-Kunsill ser joħroġ avviż dwar dan fil-bulletin tal-parroċċa.

16. **Attivitajiet fil-Bajja ta' Daħlet Qorrot.** Il-Kunsill irċieva email mingħand FAME Music Events dwar attivita' fil-bajja ta' Dahlet Qorrot nhar il-Ħadd 9 ta' Gunju. Dawn diġa ser jagħmlu attivita nhar il-Ħadd 7 ta' Lulju 2013 fl-istess bajja. Il-Kunsilliera ma qablux li jingħata permess għal attivita oħra mill-istess nies. Dan għaliex ir-residenti kif ukoll dawk li jifrekwentaw il-bajja qed igergru dwar il-ħafna attivitajiet li qed ikun hemm fil-bajja. Il-Kunsill irċieva wkoll talba għall-permess biex issir tieġ fil-bajja ta' Daħlet Qorrot fit-23 ta' Awwissu 2014. Gie diskuss li hemm bżonn li l-Kunsill jiddiskuti dan is-suġġett (attivitajiet fil-bajjiet) f'aktar dettalji fl-laqgħa oħra tal-Kunsill.

17. **Street Lighting fi Triq l-Inżul tal-Franċiżi.** Fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill kien hemm qbil li r-residenti ta' Triq l-Inżul tal-Franċiżi għandhom dritt li jkollhom dawl ħdejn ir-residenza tagħhom. Is-Sindku tkellem mal-Contract Manager ta' Street Lighting "Galea Curmi Eng. Cons. Ltd." Huma ssuġġerixxu li jsir dawl bis-sistemma tas-solar. Din tkun orħos milli tagħdi l-wires u aktar "environmental friendly". Huma ħadu ħsieb jiġbru stima ta' dan ix-xogħol li kienet ta' €1158 għal żewġ bozzoz. Il-Kunsilliera qablu li għandhom jitwaħħlu żewġ bozzoz ta' din it-tip ħdejn ir-residenza tagħhom.

18. **Triq Xandriku.** Il-Kunsill irċieva ilment bil-miktub mingħand Stella Sciberras li għandha garaxx fi Triq Xandriku. Hi ilmentat li qed issir ħsara mill-ilma tax-xita lill-bieb tal-garaxx tagħha minħabba l-istat tat-triq. Il-Kunsill għandu jagħmel patching quddiem dan il-bieb biex jipprova jirranġa din is-sitwazzjoni.

19. **Voluntarjat.** Il-Kunsill irċieva email mingħand resident barrani li jixtieq jagħti servizz ta' volontarjat lill-kommunita. Il-Kunsill għandu jgħaddi d-dettalji ta' din il-persuna lill-parrocca, biex tigi utilizzatta jekk ikun il-bżonn fil-ħtiġijiet tad-Day Centre.

20. **Kumitat Konġunt.** Il-Kumitat Konġunt ser jigi xolt. Il-Kunsill għandu jgħaddi dettalji dwar il-kont tal-bank fejn nixtiequ li jiġu depositati fondi li għad iridu jidħlu minn kontravenzjonijiet qodma.

21. **Allokazzjoni tal-Kunsill.** Il-Kunsill ġie informat dwar l-allokazzjoni tiegħu għas-sena 2013. Kien hemm tnaqqis ta' €6485 mis-sena preċedenti.

22. **Artiklu fl-Orizzont.** Deher artiklu fl-Orizzont ta' nhar is-26 ta' April 2013 dwar il-bank li tneħħa minn fuq bankina. Il-Kunsill ġie mitlub mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jagħmel il-kummenti tiegħu dwar dan l-artiklu. Is-Segretarja informat lid-dipartiment li l-Kunsill mexxa skond id-deċizjoni li ittieħed waqt laqgħa tal-Kunsill tad-18 ta' April 2013.

23. **Pubblikazzjoni tas-Soċjeta Filarmonika Mnarja.** Il-Kunsill ser jagħmel avviż fil-pubblikazzjoni ta' l-Imnajra tas-Soċjeta Filarmonika Mnarja. Għal dan ser iħallas €200.

24. **Wine Festival 2013.** Peress li kien hemm numru ta' applikanti (għaqdiet) li wrew ix-xewqa li jieħdu sehem fil-Wine Festival, itellgħu bix-xorti. Telgħu l-Għaqda Armar Triq Diċembru 13 u Triq it-Tramuntana għas-stands tad-drinks. Kien hemm applikant wieħed għall-barbeque. Dan kien l-Għaqda tan-Nar.

25. **Kwotazzjonijiet.** Il-Kunsill ħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għal bexx tas-siġar tal-Palm. Kien hemm diversi kwotazzjonijiet. Il-Kunsill għażel l-aktar waħda vantaġġjuża bill-prezz ta' €10 Euro ghal kul trattament ta' kul sigra. Din kienet tal-ELC. Il-Kunsill talab stima għall-logħob tat-tfal għal Jum it-Tfal. Kien hemm żewġ kwotazzjonijiet. Il-Kunsill għażel il-kwotazzjoni li kienet l-aktar attrajenti w interesanti għat-tfal, dik ta' Jump Malta bil-prezz ta' €735.

26. **Toroq Arterjali.** Il-Kunsill għandu jibgħat ittra lill-Ministeru għal Għawdex dwar l-istat ħażin tat-toroq arterjali – Ħanaq, Ramla, Għajn Qasab, Tiġrija, Qala. Barra dawn il-Kunsill għandu jerġa jgħarraf lill-Ministeru dwar il-periklu li hemm fi Triq it-Torri ta' Sopu.

**Charles Said, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

**27. Rampi.** Carmen Camilleri ta' Triq Grunju talbet biex ir-rampa tal-garaxx tagħħa terġa ssir peress dik li hemm tiżloq. Hi tixtieq li fin-nofs tar-rampa jkun hemm tarġa. Din ser issir mill-Kunsill. Josianne Cutajar ġibdet l-attenzjoni dwar il-kont tar-rampi f'ta Xħajma. Hi qalet li l-Kunsill diġa ħallas għal dan ix-xogħol. Is-Sindku qal li x-xoghol fuq waħda mir-rampi sar f' fażijiet differenti, peress li kienet tirikjedi ħafna xogħol ta' kostruzzjoni u cement fost affarijiet oħra u għalhekk sar aktar minn pagamnet wieħed.

**28. Siġar.** Il-Kunsill qed jirċievi lmenti dwar il-ħsarat li qed jagħmlu l-għeruq tas-siġar fi Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri (il-Pjazzetta). Is-Segretarja nfromat lill-Kunsill li meta sar refurbishment fil-pjazzetta kien sar gandott bejn is-siġar u d-djar. Dan il-gandott imtella bil-concrete biex l-għeruq ma jgħaddux.

**29. Kunċert Mużikali.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu ġie avviċinat mill JP2 Foundation biex jagħmlu kunċert muzikali fl-aħħar weekend ta' Mejju. Il-Kunsill ma qabilx li jsir dan il-kunċert peress li fl-istess weekend ser ikun hemm is-Song Festival organizzat mis-Soċjeta Filarmonika Imnarja.

**30. Daħlet Qorrot.** Is-Sindku ssuġġerixxa li jinbenna ħajt baxx tas-sejjieħ fi Triq ta' Daħlet Qorrot fuq in-naħa tas-sies qabel taqbad it-Triq ta' Wied Grejgel, biex jiġi eliminat il-ħafna trab, ħamrija, ġebel u imbarazz ieħor li qed ikerrah it-triq.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2013 fil-5:00 ta' filgħaxija.

Ċharles Said, Sindku



Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv